# Manifestazzjonijiet ta' Riparazzjoni Pawlina fl-1895

*Martin Gravina*
*Dip. Educ.(Adm. & Mangt.)*

Is-sena 1895 kienet is-sena meta l-vara ta' San Pawl ħarġet bil-purċissjoni darbtejn fit-toroq tal-Belt Valletta. L-ewwel waħda nhar l-10 ta' Frar, il-festa tan-Nawfraġju u t-tieni darba nhar il-21 ta' Lulju f'manifestazzjoni kontra l-ereżijiet tal-Professur Giovanni Bovio.

F'Ġunju tas-sena 1895, ġewwa t-teatru Mercadente f'Napli, kienet saret rappreżentazzjoni tad-dramm San Paolo b'kitba tal-Professur Giovanni Bovio (twieled ġewwa Trani nhar is-6 ta' Frar 1837 u miet ġewwa Napli nhar il-15 t'April 1903). Bovio, fil-preżentazzjoni ta' dan id-dramm, espona lil San Pawl bħala soċjalista rivoluzzjonarju, kif ukoll wasal saħansitra li jiċħad id-divinità ta' Kristu u l-bidu divin tal-Kristjaneżmu. Din ir-rappreżentazzjoni li offendiet il-Kattoliċi kollha u b'mod speċjali l-Maltin li jsejħu lilhom infushom bħala wlied San Pawl, ġabet ukoll il-kundanna tas-*Sagra Congregazione dell'Indice* (Il-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi) kif ukoll qajmet protesti kbar kemm ġewwa l-Italja u f'Malta. Din l-aħbar wasslet biex il-poplu Malti juri l-għadab tiegħu b'manifestazzjonijiet bħala riparazzjoni għal dan l-att, kemm ġewwa l-Imdina kif ukoll ġewwa l-Belt Valletta.

## Manifestazzjoni fl-Imdina

F'ċirkulari li ġġib id-data tas-26 ta' Ġunju 1895, maħruġa mill-Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta Monsinjur Pietru Pace u li kienet inqrat fil-knejjes kollha tad-Djoċesi nhar il-Ħadd 30 ta' Ġunju 1895, wera il-preokkupazzjoni tiegħu għal din l-aħbar. F'din iċ-ċirkulari kien issemma li l-kapitlu (tal-Katidral) f'laqgħa li kien għamel nhar it-22 ta' Ġunju, ippropona li matul l-Ottava tal-kommemorazzjoni tal-martirju ta' San Pawl kunu esposti fil-Katidral ir-relikwi ta' San Pietru u San Pawl kif ukoll l-immaġini antika ta' San Pawl (li tinsab merfugħa fil-kappella tal-Kurċifiss). F'din iċ-ċirkulari sar ukoll appell biex kemm is-sekulari, il-kleru kif ukoll il-konfraternitajiet tal-Imdina u s-subborg tagħha jieħdu sehem f'purċissjoni li kellha ssir fl-ewwel Ħadd ta' Lulju mir-Rabat sal-Katidral. Issemma wkoll li l-purċissjoni kienet ser tagħmel waqfa fi tliet stazzjonijiet:- l-ewwel fil-grotta ta' San Pawl, fil-knisja ta' San Pawl, u fl-aħħar fil-Katidral. L-Isqof ħeġġeġ ukoll sabiex il-kappillani jippromwovu pellegrinaġġi f'dawn it-tliet postijiet matul l-ottavarju u jħeġġu wkoll id-devoti għat-tqarbin bħala mezz ta' riparazzjoni.

Il-Papa Ljun XIII kien ikkonċeda li l-Arċisqof Isqof Monsinjur Pietru Pace jagħti f'isem il-Qdusija Tiegħu l-barka appostolika nhar il-Ħadd 7 ta' Lulju ġewwa l-Katidral wara li jispiċċa l-pellegrinaġġ, kif ukoll nhar il-21 ta' Lulju l-jum attwali tal-għeluq tat-Tridu solenni ċċelebrat ġewwa l-knisja ta' San Pawl il-Belt Valletta.

Matul l-Ottavarju, kienu ħafna l-pellegrini minn diversi rħula li żaru l-kwadru ta' San Pawl ġewwa l-Katidral li kien imżejjen taħt padiljun tad-damask aħmar. Il-qofol kien il-Ħadd 7 ta' Lulju, meta massa ta' poplu marret għall-pellegrinaġġ immexxi mill-Isqof li beda mir-Rabat, fejn żaru l-Grotta ta' San Pawl u l-knisja u fl-aħħar spiċċa fil-Katidral fejn l-inkwatru ta' San Pawl kien imdawwar b'mixegħla kbira u kwantità ta' kuruni miġjuba minn diversi pellegrini, żigarelli u skrizzjonijiet.



Giovanni Bovio 1837 - 1903

Il-pellegrinaġġ kien magħmul minn konfraternitajiet tal-Imdina, ordnijiet reliġjużi, parroċċi, il-kapitli tad-djoċesi u l-isqof li rreċita r-rużarju matul it-triq.

### ...fil-Belt Valletta

Fl-24 ta' Ġunju, wara li filgħodu spiċċat il-quddiesa pontifikali fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġwann Battista, kien hemm atmosfera festiva u wirja t'apprezzament mill-ġemgħa meta l-Arċisqof Isqof Monsinjur Pace, laqa' t-talba tal-Arċipriet u t'oħrajn li l-vara ta' San Pawl tkun esposta għall-pubbliku ġewwa l-Insinji Kolleġjata ta' San Pawl bħala bidu tal-festi li kienu ser isiru bħala riparazzjoni. Malli l-Arċisqof ħareġ fil-bieb tal-Kon-Katidral, huwa kien milqugħ b'applaws kbir u għajjat ta' "Viva l-Isqof", għajjat li dewa fit-toroq tal-Belt. Żgħażagħ b'saħħithom neħħew iż-żwiemel minn mal-karozza tal-Isqof u ġibduha bl-idejn lejn il-Palazz tal-Isqof fost diversi standardi u folla kbira ta' nies. Mal-wasla fil-Palazz, is-segretarju tal-Isqof Monsinjur Grech, għamel kelmtejn imqanqlin fuq San Pawl fost diversi interruzzjonijiet ta' ċapċip u ħeġġeġ biex jagħmlu karità. Il-ġurnal *L'Ordine* tat-2 ta' Lulju 1895, kien irrapporta li fl-Insinji Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu l-vara ta' San Pawl kienet diġà esposta taħt in-nava ta' quddiem il-kappella tas-Sagrament fejn is-soltu kienet titqiegħed f'okkażjonijiet bħal dawn. Jissema wkoll li kien hemm numru kbir ta' xemgħat mixgħula quddiem il-vara, kif ukoll numru kbir ta' devoti li kienu diġà żaru l-knisja. Kull filgħaxija mal-Ave Marija kien ikun hemm prietka bħala preparazzjoni għall-festa ta' riparazzjoni li kienet ser tilħaq il-qofol tagħha b'purċissjoni solenni.

Nhar il-15 ta' Lulju l-kumitat li ħa ħsieb din il-manifestazzjoni, kien ħareġ ċirkulari fejn talab biex kemm is-Sibt kif ukoll il-Ħadd jinxtegħlu l-gallariji u t-twieqi, jiżżejnu t-twieqi u l-gallariji bid-damask, filwaqt li l-proprjetarji tal-istabbilimenti u tal-ħwienet intalbu biex jixegħlu s-Sibt filgħaxija. Din it-talba kienet milqugħa fejn ħwienet u terrazzini, gallariji kif ukoll aktar u aktar il-bibien tad-djar tagħhom kienu mixgħula u mżejna. Kien hemm ukoll jidhru ħafna skrizzjonijiet bit-Taljan kontra l-aġir ta' Bovio u tifħir lil San Pawl. Wieħed seta' jinnota li Malta kollha u b'mod partikulari l-Belt kienet tidher ħuġġieġa waħda. Fil-ġurnal *Risorgimento* tat-22 ta' Lulju, 1895 p.2, insibu *Sabato e Domenica, la nostra capitale era una sola fiammata; non un balcone, non una finestra senza un lume, era uno spettacolo commovente.*

Il-qofol ta' din ir-riparazzjoni kien it-Tridu li nżamm fil-knisja Kolleġġjata ta' San Pawl bejn il-Ġimgħa 19 sal-Ħadd 21 ta' Lulju 1895. Il-knisja kienet imżejna bħalma tkun fil-festa nhar l-10 ta' Frar jekk mhux aktar. F'dawn it-tlitt ijiem minkejja t-temp sħun li jaf jagħtina s-sajf Malti, l-attendenza tan-nies kienet kbira, saru diversi pellegrinaġġi minn diversi għaqdiet (korpijiet morali) mill-ibliet u rħula mbiegħda. Wieħed minn dawn il-pellegrinaġġi kien dak tal-bniet tal-Istitut Cini fejn intqal li huma kienu grati lejn il-Kaptan




Tifkira li kienet tqassmet ġewwa l-Knisja ta' San Pawl waqt it-Tridu ta' din l-okkażjoni. Ħajr lil Kan. Ġwann Ciarlò.

Biancardi A.D.C. li kien offra li jħallsilhom il-ferrovija biex imorru u jirritornaw lejn il-Belt. Kienu bosta li ppreżentaw bukketti ta' fjuri, xemgħat u kuruni (tal-fjuri) quddiem il-vara. Fost il-kuruni kien hemm dawk ta' ċertu Giovanni Bisazza li ġibdu l-attenzjoni ta' kulħadd. Dawn, barra li kienu deskritti bħala sbieħ, kienu magħmula minn għażla sabiħa ta' fjuri li jidher li kienu mill-villa tiegħu stess. Dawn il-kuruni kienu tant kbar u tqal li biex twasslu kellhom jittieħdu fuq żewġ slielem merfugħa minn erba' persuni.

Il-funzjonijiet fil-knisja bdew nhar il-Ġimgħa 19 ta' Lulju, fil-ħamsa u nofs ta' filgħodu b'quddiesa bil-kollokju u tqarbina mill-Kanonku Dun Antonio Vella filwaqt li fid-disgħa ttellgħet quddiesa konventwali kantata magħmula mill-vuċijiet u l-orgni. Wara nofsinhar kien hemm għasar kantat u għas-sitta u nofs kien hemm prietka mill-Prijur Agostinjan Patri Pawlu Zammit, li niseġ diskors studjat għal din l-okkażjoni ad unur u glorja tal-Appostlu San Pawl. Fl-aħħar kien hemm l-innu, antifona u l-Barka sagramentali. L-għada sar kollox bħall-jum ta' qabel fejn il-quddiesa bil-kollokju saret mill-vigarju kurat il-Kanonku Dun Guliermu Portelli, filwaqt li l-prietka ta' waranofsinhar saret minn patri Angelo Portelli tal-Ordni tal-Predikaturi.

Il-Ħadd kien il-qofol ta' dan it-Tridu. Il-quddiesa tas-sitta u nofs tqaddset minn Monsinjur Isqof Pace, segwita fid-disgħa b'quddiesa konventwali bħall-jumejn



L-ikona ta' San Pawl li tinsab ġewwa l-Katidral tal-Imdina



L-ikona ta' San Pawl ġewwa Birkirkara fl-1960 waqt il-purċissjoni mill-Katidral tal-Imdina sal-Kon-Katidral ta' San Ġwann fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju Pawlin

ta' qabel. Fl-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar kien hemm għasar kantat fejn imbagħad siegħa wara ħarġet il-purċissjoni bil-vara ta' San Pawl. Kienet purċissjoni kbira u imponenti, deskritta bħala l-akbar waħda li qatt kienet inżammet f'Malta. Inkiteb ukoll li aktar minn tliet kwarti tal-popolazzjoni niżlet lejn il-Belt biex tieħu sehem f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ta' festi. Is-sekwenza fil-purċissjoni bdiet bl-arċikonfraternitajiet ta' Malta, imbagħad imxew il-Kapuċċini, il-Karmelitani, l-Oservanti Minuri, l-Agostinjani u d-Dumnikani. Imbagħad kien hemm il-kleru u l-kapitlu ta' San Pawl tal-Belt, il-kapitlu ta' Birkirkara, Bormla u tal-Birgu. Fil-purċissjoni ħa sehem ukoll l-Arċisqof u Isqof Mons. Pietru Pace. Il-qofol tal-purċissjoni ntlaħaq meta l-vara waslet fin-naħa ta' fuq ta' Triq San Pawl fejn l-entużjażmu tal-poplu żdied u li kompla sad-dħul tal-vara ġewwa l-knisja li kien wieħed trijonfali. Kienet espressjoni ta' poplu lejn dak li dejjem ħabb. Wieħed seta' jinnota li kien hemm dawl tal-mixegħla ta' torċi, mixegħla tal-gassijiet, kuruni u bukketti tal-fjuri, tixjir ta' mkatar u espressjonijiet bħal "Evviva Missierna San Pawl" u "Viva l-Missier tagħna". Wara li l-vara daħlet fil-knisja, tkantat l-antifona u ngħatat il-barka, kif ukoll ingħatat il-benedizzjoni papali konċessa għall-okkażjoni. L-orkestra f'dawn it-tlitt ijiem daqqet mużika tas-surmastrijiet Nani bħall-jiem tal-festa.

Kemm is-Sibt 20 kif ukoll il-Ħadd 21 ta' Lulju ħadu sehem diversi baned bl-istandardi tagħhom segwiti b'ħafna nies fit-toroq prinċipali tal-Belt. Fost dawn kien hemm il-Banda *The Duke of Edinburgh's Own* li tellgħet programm fi pjazza San Ġorġ waqt li kienet għaddejja l-purċissjoni, il-Banda La Vallette bi programm mużikali fuq palk li kien armat viċin il-knisja, u li beda għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija, *I Cavalieri di Malta* li għamlet programm fuq palk ieħor li kien armat fil-kantuniera ta' Triq San Ġwann ma' Triq San Pawl, kif ukoll il-banda ta' San Ġorġ ta' Bormla li kienet imfaħħra minn dawk preżenti għall-preżentazzjoni li tellgħet.

Għal din l-okkażjoni ma naqasx ukoll li jinkitbu u jitqassmu innijiet bil-Malti kif ukoll bil-Latin u t-Taljan. F'din il-manifestazzzjoni l-poplu Malti kien reġa' kiteb l-istorja tiegħu fejn għal darb'oħra wera evidenza mill-aktar ċara tal-imħabba u r-rabta soda lejn San Pawl. ◈

## Noti:

Il-ġurnal *The Malta Times*, 26 ta' Lulju, 1895 p. 2, jirraporta li l-Kapitlu tal-Kattidral, il-Kapitlu ta' l-Isla, il-Kapitlu ta' San Pawl tar-Rabat, kif ukoll il-kappillani u l-arċiprieti ta' Malta, ma kinux ħadu sehem fil-purċissjoni.

## Bibljografija


1. http://www.treccani.it/enciclopedia/giovanni-bovio_(Dizionario-Biografico)/ (15/09/2015)
2. Portafoglio, 4 ta' Lulju, 1895, p.2, 3.
3. Ibid., 22 ta' Lulju, 1895, p.2.
4. Ibid., 8ta' Lulju, 1895, p.1,2.
5. L'Ordine, 25 ta' Ġunju, 1895, p.2.
6. Ibid., 2 ta' Lulju, 1895, p.2, 3.
7. Ibid., 9 ta' Lulju, 1895, p.1, 2.
8. Ibid., 16 ta' Lulju, 1895, p.3.
9. La Gazetta di Malta, 19 ta' Lulju, 1895, p.3.
10. Ibid., 20 ta' Lulju, 1895, p.3.
11. Risorgimento, 13 ta' Lulju, 1895, p.2.
12. Ibid., 22 ta' Lulju, 1895, p.2.
13. Ibid., 19 ta' Lulju, 1895, p.2.
14. Malta Taghna, 17 ta' Lulju, 1895, p. 1.
15. Ibid., 24 ta' Lulju, 1895, p.2.
16. The Malta Times, 26 ta' Lulju, 1895, p.2.